# KUNSILL LOKALI LIJA

Għażiż/a,

Il-Lija Athletic Football Club, bil-kollaborazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari Għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni, is-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, il-Kunsill Malti għall-Isport u l-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija ser ikun qiegħed jorganizza Festival tal-Isport li ser jittella fil-pjazza ta' Ħal-Lija **nhar il-Ħadd 6 ta' Ġunju**.

L-għan ta' dan il-Festival huwa li jippromwovi varjetà ta' sports ma' nies ta' kull eta sabiex dawn jitħajru jibdew jipprattikaw l-isport u jsiru fiżikament attivi. Din l-attivita fiżika twassal sabiex mhux biss lkoll inkunu iktar b'saħħitna iżda anki tħeġġeġ viżjoni aktar kompleta lejn l-interazzjoni soċjali li ġġib magħha kull tip ta' sport.

Dan il-Festival ser jinkludi sports bħal football, basketball, volleyball, handball, ABCS, logħob bl-ilma, rugby u tennis. Varjetà daqshekk wiesa ta' sports hija maħsuba sabiex mhux biss tqajjem l-interess tan-nies iżda anki sabiex tħajjar il-parteċipazzjoni fil-bosta attivitajiet sportivi li ser ikunu qegħdin jiġu offruti bil-għan li l-parteċipanti jitħajru jibdew jipprattikaw xi sport b'mod aktar frekwenti fil-ġimgħat u xhur li ġejjin.

Il-Festival ser jibda b'ġirja qasira ta' żewġ kilometri (2K) għat-tfal bejn 6 u 12-il sena. Ġirja ta' ħames kilometri (5K) ser tkun organizzata wkoll għat-tfal li għandhom 13-il sena u iktar u l-pubbliku in ġenerali. Parteċipanti f'dawn iż-żewġ fun-runs ikun jistgħu jieħdu sehem anki jekk ikunu ser jimxu. Il-parteċipanti kollha ser jingħataw ċertifikat ta' parteċipazzjoni wara l-avveniment tagħhom.

Il-parteċipazzjoni tagħhkom f'dawn l-avvenimenti tkun ferm apprezzata.

---

Isem u kunjom: ____________________

Data tat-twelid: _________________

Nixtieq nipparteċipa fil- ☐ 2K fun run ☐ 5K fun run and walk

*(jekk jogħġbok immarka l-kaxxa u rritorna din il-karta fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Lija sa nhar il-Ġimgħa 4 ta' Ġunju).*